MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 566/2002

**HSBC Home Loans (Malta) Ltd**

**vs**

**Carmelo Busuttil, Josephine Busuttil u Monalisa Busuttil**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex:

1. jizgombraw u jivvakaw mill-fond numru wiehed (1), Sqaq numru wiehed (1), Triq il-Vitorja, Qormi, mill-konvenuti okkupat minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

2. Ihallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' kumpens ghal okkupazzjoni illecita da parti taghhom tal-istess fond mis-6 t'Ottubru 1998 sal-gurnata tal-izgumbrar effettiv.

Bl-ispejjes u bl-interessi b'effett mis-6 t'Ottubru, 1998 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li mid-data tal-avviz gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal fini tal-kompetenza, il-valur lokatizju annwali ma jeccedix is-somma ta' sebgha mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm735), filwaqt li t-talba ghal kumpens ma teccedix il-hamest'elef lira Maltin (Lm5000).

Wara li semghet ix-xhieda tal-A.I.C. Carmelo Farrugia u d-dokumenti esebiti mill-istess xhud u annessi ma' dawn l-atti a fol 22 sa fol 26.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-11 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u :

1. tordna lill-istess konvenuti sabiex jizgombraw u jivvakaw mill-fond numru wiehed (1) Sqaq numru wiehed (1) Triq il-Vitorja, Qormi okkupat mill-istess konvenuti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;
2. tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm3430.00,0 bhala kumpens ghall-okkupazzjoni illecita da parti tal-istess konvenuti tal-istess fond u dan mis-6 ta' Ottubru 1998 sad-data tallum stess b'riserva ghal kull ammont ulterjuri dovut skond il-ligi, oltre l-imghax legali mit-19 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------